32005D0369

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-3 ta' Mejju 2005

li tistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ tal-konformità tal-Istati Membri u li tistabbilixxi formati għad-dejta għall-iskopijiet tad-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku

(notifikat bid-dokument numru C(2005) 1355)

(2005/369/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWOPREJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tagħha,

Billi:

(1) Sabiex id-dejta prodotta mill-Istati Membri ssir paragunabbli, il-metodu ta' kif tiġi kkalkulata l-osservanza tal-miri tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2002/96/KE għandu jiġi armonizzat, f'termini ta' preżentazzjoni.

(2) Sabiex jiġu bbilanċjati r-riskji tal-ineżattezzi mal-piż amministrattiv tal-ksib ta' tagħrif preċiż, l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw ċerti ipoteżijiet biex jistabbilixxu l-ammont ta' materjali u komponenti ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) li jiġi rkuprat, użat mill-ġdid jew riċiklat.

(3) Skont l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva 2002/96/KE l-operazzjoni tat-trattament tista' ssir ukoll barra mill-Istat Membru rispettiv jew mill-Komunità dejjem sakemm it-trasport tal-iskart isir skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 tal-1 ta' Frar 1993 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea [2]. L-Istati Membri li jibagħtu WEEE għat-trattament fi Stati Membri oħrajn jew li jesportaw WEEE għat-trattament f'pajjiżi terzi għandhom jitħallew jgħoddu l-ammont esportat bħala parti mill-miri stipulati fl-Artikolu 7(2) bil-kundizzjoni li l-WEEE jkun inġabar mill-Istat Membru li qed jesporta.

(4) Il-miżuri maħsuba f'din id-Deċiżjoni jimxu mat-termini tal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bis-saħħa tal-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE [3],

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw it-tagħrif mitlub fl-Artikolu 12(1) tad- Direttiva 2002/96/KE billi jużaw il-formati taddejta stipulati fit-tabella 1 tal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom juru li qegħdin jaderixxu marrati ta' rkupru, użu mill-ġdid u riċiklaġġ stipulati fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2002/96/KE billi jimlew it-tabella 2 li tidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Huma u jimlew din it-tabella, l-Istati Membri jistgħu jużaw ipoteżi dwar il-perċentwali medja ta' materjali użati mill-ġdid, riċiklati u rkuprati, bħalma huma l-metalli, il-ħġieġ u l-plastik, u komponenti ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE).

2. WEEE esportat għat-trattament f'pajjiż terz jew li jintbagħat għat-trattament fi Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva 2002/96/KE jista' jingħadd biss għall-finijiet tal-miri msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dik id-Direttiva mill-Istat Membru li jkun ġabar u esporta l-WEEE.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk tkunx meħtieġa evidenza dokumentarja addizzjonali mal-prova mitluba skond it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(5) tad-Direttiva 2002/96.

[1] ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2003/108/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 106).

[2] ĠU L 30, 6.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2557/2001 (ĠU L 349, 31.12.2001, p. 1).

[3] ĠU L 194, 25.7.1975, p. 39. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

Artikolu 3

Meta jittrasmettu t-tabelli 1 u 2 tal-Anness lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni deskrizzjoni dettaljata ta' kif inġabret id-dejta kif ukoll jagħtu spjegazzjoni tal-istimi u l-metodoloġija li ntużaw.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Mejju 2005.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Tabella 1

Skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) miġbur u esportat (Artikolu 12 u Artikolu 5)

Kolonna numru	1	2	3	4	5	6	7
Kategorija tal-Prodott	Imqieghed fis-suq	Miġbur minn abitazzjonijiet privati	Miġbur minn imkejjen li mhumiex abitazzjonijiet privati	Total WEEE Miġbur	Trattat fl-Istat Membru	Trattat fi Stat Membru iehor	Trattat barra mill-KE
	Piż Totali ([1]) tunnellati	Piż Totali tunnellati	Piż Totali tunnellati	Piż Totali tunnellati	Piż Totali tunnellati	Piż Totali tunnellati	Piż Totali tunnellati
1. Apparat domestiku kbir							
2. Apparat domestiku żgħir							
3. IT & Telekomunikazzjoni							
4. Tagħmir għall-konsumatur							
5. Tagħmir tad-dawl							
5a. Bozoz li jarmu l-gass							
6. Għodod elettriċi u elettroniċi							
7. Ġugarelli, tagħmir għall-passatempi u l-isport							
8. Apparat mediku							
9. Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll							
10. Dispensers awtomatiċi							

([1]) Jekk dan ma jkunx possibbli, aghti l-ammonti.

Tabella 2

Irkupru, riċiklaġġ u użu mill-ġdid, miri (Artikolu 7(2))

Kolonna numru	1	2	3	4	5
Kategorija tal-prodott	Irkupru	Rata ta' rkupru	Total ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ	Rata ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ	WEEE użat mill-ġdid bħala apparat sħiħ
	Piż Totali ([1]) tunnellati	%	Piż Totali tunnellati	%	Piż Totali tunnellati
1. Apparat domestiku kbir					
2. Apparat domestiku żgħir					
3. IT & Telekomunikazzjoni					
4. Tagħmir tal-konsumatur					
5. Tagħmir tad-dawl					
5a. Bozoz li jarmu l-gass	N.A.	N.A.			
6. Għodod elettriċi u elettroniċi					
7. Ġugarelli, tagħmir għall-passatempi u l-isport					
8. Apparat mediku					
9. Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll					
10. Dispensers awtomatiċi					

Nota: Il-kaxxi l-griżi jfissru li d-dejta għandha tkun irrappurtata fuq bażi volontarja biss.

([1]) Jekk dan ma jkunx possibbli, agħti l-ammonti.